# Beati u Qaddisin...Dicembru

## SANTA FRANGISKA SAVERJA CABRINI (1850 – 1917)

## 22 TA’ DICEMBRU



Kienet is-sena 1850: fil-lokal ta’ Sant’Angelo Lodigano, qrib Milan twieldet Frangiska. Kienet l-izghar fost 13 ahwa tal-familja ta’ bdiewa. Sa minn eta zghira hija kellha zelu kbir missjunarju. Hija kisbet ċertifikat ta’ għalliema u applikat biex tidħol soru f’żewġ ordnijiet reliġjużi differenti li kellhom djar fil-missjoni iżda d-darbtejn ġiet rifjutata billi kienet tidher ta’ saħħa dgħajfa. Kellha xewqa kbira li tmur missjunarju gewwa c-Cina. Fuq talba ta’ l-isqof hija hadet l-inkarigu li tipprova ssalva orfanatrofju gewwa Codogno billi tohloq kommunita’ religjuza minn dawk li kienu jahdmu hemm, izda l-isforz taghha, wara sitt snin xoghol falla.

Fis-sena 1882 meta kellha 30 sena seba’ membri mill-kommunita’ ta’ l-orfanatrofju, inghaqdu ma’ Frangiska biex jiffurmaw kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji tal-Cina.

L-isqof ta' Piacenza, il-Beatu Giovanni Battista Scalabrini, issuġġerielha li tmur taħdem fost l-immigranti Taljani, speċjalment fl-Istati Uniti, bħalma ġa kienet qiegħda tagħmel il-kongregazzjoni tiegħu ta' San Karlu; iżda qalb Madre Cabrini kienet aktar miġbuda lejn iċ-Ċina. Dik il-ħabta eluf kbar ta' Taljani kienu emigraw lejn l-Amerika fejn ma kienu popolari xejn; ħafna minnhom bla sengħa u bla ma jafu kelma bl-Ingliż, u spiss kienu jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn kienu jiġu sfruttati. Madre Franġiska talbet il-parir tal-Papa Ljun XIII, li bla tlaqliq qalilha: "Mhux lejn il-Lvant, iżda lejn il-Punent." Hija obdiet mill-ewwel u flimkien ma sitt sorijiet tagħha waslet fi New York fl-1889, fejn ma damitx ma waqqfet l-ewwel dar u orfanatrofju.

Sabitha bi tqila hafna biex titghallem l-Ingliz u hassitha mhux f'postha thabbat wiccha mal-Protestanti. Imma Frangiska kienet mara ta' kuragg. Minkejja li kienet tibza' tivvjaga bil-bahar hija qasmet l-Atlantika 30 darba. Hija hadmet biex twaqqfa' sptarijiet, fost il-famuz Columbus Hospital go New York, shejjel u djar ghal iltiema. Din il-hidma damet sejra 28 sena.

Il-kongregazzjoni taghha mhux biss kellha kunventi gewwa l-Italja izda waqqfet kunventi fi Franza, Spanja, Ingilterra kif ukoll l-Amerka ta' Isfel bhal Brazil, Argentina u n-Nikaragwa. Ix-xewqa taghha kienet li tasal anki sa l-Alaska.

Mietet ghal gharrieda f'wiehed mill-isptarijeit taghha gewwa Chicago waqt li kienet qed thejji rigali ghat-tfal, fit-22 ta' Dicembru tas-sena meta kellha 67 snin.

Ġiet ibbeatifikata 21 sena wara mewtha (13.11.1938) u ddikjarata qaddisa 8 snin wara (7.7.1946), l-ewwel ċittadina tal-Istati Uniti li ġiet ikkanonizzata. Fl-1950 il-Papa Piju XII ħatarha Patruna tal-emigranti.

"Afdaw f'Alla dejjem u tkunu xhieda ta' għeġubijiet".
~ Santa Franġiska Saveria Cabrini